# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/1984

## tal-15 ta' Novembru 2021

## li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK tal-31 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK.

(2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fis-Sirja, u meta jitqies t-tibdil reċenti fil-Gvern Sirjan, jenħtieġ li jiżdiedu erba' persuni mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK. L-informazzjoni relatata ma' ħames persuni diġà elenkati fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK jenħtieġ li tiġi aġġornata.

(3) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2013/255/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Novembru 2021.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BORRELL FONTELLES

[1] ĠU L 147, 1.6.2013, p. 14.

*ANNESS*

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK huwa emendat kif ġej:

(1) L-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista li tinsab fit-Taqsima A (Persuni):

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "312. | Amr SALEM (عمرو سالم) | Data tat-twelid: Jannar 1958; Post tat-twelid: Damasku, is-Sirja; Sess: raġel | Ministru għall-Kummerċ Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur. Maħtur f'Awwissu 2021. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili. | 15.11.2021 |
| 313. | Boutros AL-HALLAQ (بطرس الحلاق) | Post tat-twelid: Il-kampanja ta' Damasku, is-Sirja; Sess: raġel | Ministru għall-Informazzjoni. Maħtur f'Awwissu 2021. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili. | 15.11.2021 |
| 314. | Mohammad SEIFEDDINE (magħruf ukoll bħala Seif Eddin, Seif El Din) (محمد سيف الدين) | Sess: raġel | Ministru għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali. Maħtur f'Awwissu 2021. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili. | 15.11.2021 |
| 315. | Diala BARAKAT (ديالا بركات) | Data tat-twelid: 1980; Sess: mara | Ministru tal-Istat. Maħtura f'Awwissu 2021. Bħala Ministru tal-Gvern, tikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili. | 15.11.2021" |

(2) Fit-Taqsima A ("Persuni"), l-entrati li ġejjin huma sostitwiti kif ġej:

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| '167. | Dr. Jassem Mohammad ZAKARIA (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammed, Jasem) | Data tat-twelid: 1968 Sess: raġel; | Eks Ministru għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili. | 16.10.2012 |
| 229. | Abdullah ABDULLAH (عبدالله عبدالله) | Data tat-twelid: 1956; Sess: raġel | Ministru tal-Istat. Maħtur f'Awwissu 2021. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili. | 14.11.2016 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 259. | Imad Abdullah SARA (عماد عبدالله صارة) | Data tat-twelid: 1968;<br>Post tat-twelid: Damasku, is-Sirja;<br>Sess: raġel | Eks Ministru għall-Informazzjoni. Maħtur f'Jannar 2018.<br>Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili. | 26.2.2018 |
| 296. | Talal AL-BARAZI (magħruf ukoll bħala Barazi) (طلال البرازي) | Data tat-twelid: 1963;<br>Post tat-twelid: Il-belt ta' Hama, is-Sirja;<br>Sess: raġel | Eks Ministru għall-Kummerċ Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur.<br>Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili. | 16.10.2020 |
| 309. | Malloul (magħruf ukoll bħala Maloul) HUSSEIN (magħruf ukoll bħala AL-HUSSEIN) (ملول حسين) | Data tat-twelid: 1950;<br>Post tat-twelid: Il-Governorat ta' Al-Hasakah, is-Sirja;<br>Sess: raġel | Eks Ministru tal-Istat.<br>Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili. | 6.11.2020" |